# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Jannar 2021**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1061/2020 JVC**

**David u Mary konjugi Shephard**

**vs**

**Pio Mario Borg u Joanne Borg Shephard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-giljottina fejn ir-rikorrent David Shephard et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond, ossia garaxx li jgib l-indirizz 77, Triq il-Gizi, Fgura (Vide ricerki hawn annessi u markati Dok. 'A') li jinsab sottostanti r-residenza taghhom, 75, 'Ave Maria', Triq il-Gizi, Fgura;

2. Illi ftit tas-snin ilu, minhabba rabtiet familjari, l-esponenti kienu ikkoncedew bi ftehim verbali lill-intimati b'mera tolleranza l-uzu tal-garage msemmi. Konsegwentement l-intimat Pio Mario Borg beda juza il-garaxx sabiex jahzen fih certu mobbli u maz-zmien l-istess Pio Mario Borg dahhal numru ta' vetturi u numru konsiderevoli ta' ghodda.

3. Illi l-esponenti kellhom u ghad ghandhom bzonn il-garage imsemmi ghall-uzu esklussiv taghhom u ghalhekk bil-kelma t-tajba informaw lill-intimati li l-koncessjoni kellha tintemm u kellhom jizgombraw mill-fond;

4. Illi precizament minhabba rabta familjari, l-esponenti baqghu jippruvaw jiftehmu mal-intimati bil-kelma it-tajba, izda dawn qatt ma rrikonoxxew li l-koncessjoni lilhom moghtija b'tolleranza kienet giet terminata. Illi l-esponenti baghtu tlett ittri bonarji lil intimat Pio Mario Borg datati 1 ta' Settembru 2018, 18 ta' Marzu 2019 u 1 ta' April 2019 kopja ta' liema qeghdin jigu annessi ghal liema l-esponenti qatt ma rcievew risposta. (kopja ta' liema qed jigu annessi u markati Dok. B)

5. Illi l-esponenti ukoll formalment interpellaw lill-intimati permezz tal-ittra ufficcjali numru 2337/2019 sabiex jizgumbraw mill-fond u jirritornaw ic-cwievet lill-esponenti (Vide Dok. 'C'). L-intimati injoraw din l-interpellazzjoni u

ma pprezentaw ebda ittra ufficcjali b'risposta ghall-ittra ufficjali tal-esponenti;

6. Illi ghalhekk huwa manifest li l-intimati qed jokkupaw il-fond, ossija garage li jgib l-indirizz 77, Triq il-Gizi, Fgura minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

7. Illi ghalhekk kella ssir din il-kawza.

8. Illi fil-fehma tal-esponenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni valida x'jistghu jaghtu kontra t-talbiet taghhom u ghalhekk qeghdin jitolbu li din il-kawza tigi deiza bid-dispensa tas-smiegh. Ghal dan l-ghan, l-esponenti qed jannettu l-affidavit ta Mary Shephard li qed jigi markat Dok. 'D')

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost u previa kull dikjarazzjoni ohra mehtiega u opportua, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimati ma ghandhom ebda titolu fil-Ligi fuq il-garaxx 77, Triq il-Gizi, Fgura;

3. Tordna lill-intimati sabiex, f'terminu qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop, jizgombraw u jiehdu l-mobbli kollha taghhom mill-garaxx 77, Triq il-Gizi, Fgura u jirrilaxxaw il-pussess battal u liberu a favur l-esponenti tal-istess garaxx;

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficcjali 2337/2019 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumentazzjoni u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi fil-verbal tal-lum stess Dr. Jason Grima ghan-nom ta' l-intimati prezenti ddikjara li l-istess intimati m'ghandhomx difiza xi jressqu u ghaldaqstant il-kawza ma gietx kontestata minnhom izda l-intimati talbu xahrejn zmien sabiex jizgumbraw mill-garaxx in kwistjoni;

Rat illi fl-istess verbal Dr Kris Busietta ghan-nom tar-rikorrenti ddikjara li l-istess rikorrenti m'ghandiex problema li jinghata terminu ta' xahrejn, suggett izda li l-intimati jnehhu mil-istess proprjeta' l-oggetti kollha taghhom;

Illi in vista ta' l-ammissjoni da parti ta' l-intimati jirrizulta illi t-talbiet tal-attrici huma gustifikati ;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha kif suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati ma ghandhom l-ebda titolu fil-Ligi fuq il-garaxx 77, Triq il-Gizi, Fgura;

3. Tilqa′ t-tielet talba u tordna lill-intimati sabiex fi zmien xahrejn mil-lum jizgumbraw u jiehdu l-mobbli kollha taghhom mill-garaxx 77, Triq il-Gizi, Fgura u jirrilaxxaw il-pussess battal u liberu a favur tar-rikorrenti tal-istess garaxx;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Jannar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Jannar 2021**